***Worksheet* S6.2.3**
L-avvenimenti prinċipali u l-protagonisti tal-Assedju l-Kbir.

## X'ĠARA FL-ASSEDJU? L-AVVENIMENTI PRINĊIPALI

*(materjal miġbur minn George Calleja)*

1. Il-flotta Torka waslet fit-18 ta' Mejju 1565 u ħalliet fil-port ta' Marsaxlokk.
2. It-Torok bdew l-attakk tagħhom fuq Sant' Iermu biex ikunu jistgħu jdaħħlu l-flotta tagħhom fil-Port ta' Marsamxett.
3. It-Torok rebħu Sant'Iermu fit-23 ta' Ġunju.
4. Wara huma attakkaw lill-Birgu, l-Isla u l-fortizzi ta' Sant'Anġlu u San Mikiel iżda ma setgħu jirbħuhom b'xejn.
5. Fis-7 ta' Settembru, wara li ġriet l-aħbar li kienet waslet għajnuna kbira (minn barra) għal Malta, it-Torok qatgħu qalbhom, qabdu x-xwieni tagħhom u telqu lura lejn pajjiżhom.

## MIN KIENU L-PROTAGONISTI?



1. Jean de Valette kien il-Gran Mastru tal-Kavallieri u l-mexxej tal-Maltin. Bir-rieda soda tiegħu għamel kuraġġ lill-Kavallieri u l-Maltin biex ma jċedux.
2. Il-Maltin taw sehemhom bi qlubija kbira fl-Assedju; Toni Bajada ssogra ħajtu kemm-il darba biex iwassal il-messaġġi bejn Sant'Anġlu u Sant'Iermu bl-għawm.
3. Don Garcia de Toledo kien il-viċirè ta' Sqallija li ġab l-għajnuna għal Malta fis-7 ta' Settembru. Bis-saħħa tiegħu ġie fi tmiemu l-Assedju l-Kbir.
4. Is-Sultan Sulejman kien is-Sultan Tork li bagħat l-armata tiegħu tattakka lil Malta għax ried jeqred lill-Kavallieri.
5. Mustafà Pialì kien il-kaptan tal-flotta Torka.
6. Mustafà Paxà kien il-ġeneral tas-suldati Torok.

7. Dragut kien il-furban Tork li ġie Malta wara li beda l-Assedju biex jieħu t-tmexxija kollha f'idejh. Bis-saħħa tiegħu t-Torok rebħu Sant'Iermu għalkemm tilef ħajtu fl-istess attakk.

**KONT TAF LI . . .**

- Qabel l-Assedju, il-bjar tal-ilma li kien hemm il-Marsa ġew avvelenati billi ntefgħu fihom ħxejjex mediċinali. B'hekk it-Torok ma setgħux ikollhom ilma għas-suldati tagħhom u batew ħafna s-sħana tas-sajf.
- Il-Gran Mastru kien ħeles ukoll ħafna mill-priġunieri biex dawn ikunu jistgħu jgħinu lill-kavallieri fl-Assedju.
- Il-forti Sant' Iermu ta l-ewwel sinjal tal-wasla tal-flotta Torka. Wara mess lill-Imdina u ċ-Ċittadella li jagħmlu dan. Fil-jum li dehret il-flotta Torka, is-sagrament ġie espost fil-knejjes kollha tal-gżira u sar talb speċjali għall-għajnuna ta' Alla.
- It-Torok għamlu l-kampijiet tagħhom fil-Marsa.
- Matul l-attakk fuq Sant'Iermu mietu madwar elf u ħames mitt nisrani u xi tmint elef Tork. B'dawn l-imwiet kollha min-naħa tat-Torok, il-moral tagħhom tbaxxa ħafna.
- Il-kavallerija, li nżammet l-Imdina, fixklet lit-Torok kemm-il darba billi kienet tattakka l-kampijiet tal-Marsa.
- Wara l-Assedju, il-Birgu beda jissejjaħ Vittoriosa, jiġifieri belt rebbieħa, waqt li l-Isla bdiet tissejjaħ Invicta, jiġifieri belt mhix mirbuħa.

**A: Ikteb in-numri minn 1 sa 8 wara xulxin biex turi kif ġraw dawn l-avvenimenti.**

| | |
|---|---|
| | Meta ġriet l-aħbar li kienet waslet għajnuna kbira lil Malta taħt Don Garcia de Toledo, it-Torok telqu lura lejn pajjiżhom. |
| | Minkejja l-attakki ħorox tat-Torok huma ma setgħux jirbħu lill-Birgu u l-Isla. |
| | L-ewwel attakk sar fuq il-forti Sant'Iermu. |
| | Fl-1565 it-Torok attakkaw lil Malta. |
| | Wara xi żmien wasal Malta l-furban famuż Dragut li beda jgħin mhux ftit f'dan 1-attakk. |
| | Din ir-rebħa fissret ħafna għal Malta għax b'hekk hija dehret bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu. |
| | Il-flotta Torka waslet f'Mejju u ħafna mill-bastimenti ankraw fil-port ta' Marsaxlokk. |
| | It-Torok irnexxielhom jirbħu lil Sant'Iermu fit-23 ta' Ġunju, iżda Dragut tilef ħajtu. |

**B: Ikteb l-ismijiet ta' dawn il-protagonisti tal-Assedju l-Kbir fil-kolonna t-tajba skont kinux ħbieb tal-Maltin jew għedewwa.**

| Sulejman, Pialì, De Valette, Dragut, Mustafà, Toni Bajada, Don Garcia |
|---|

| **Ħbieb tal-Maltin** | **Għedewwa tal-Maltin** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |

**Ċ: Wieġeb bl-għajnuna tal-istampi.**

1. Min taħseb li huma n-nies li jidhru fl-istampa. X'taħseb li qegħdin jagħmlu?
_______________________________
_______________________________
_______________________________
_______________________________
_______________________________



2. Fejn kienu jistkennu t-Torok x'ħin ma jkunux qegħdin jiġġieldu?
_____________________________________________________________

3. Għaliex taħseb li t-Torok kienu jwaħħlu l-arma tan-nofs qamar fuq it-tined tagħhom?
_________________________________________



4. Min taħseb li huma n-nies li jidhru fl-istampa? X'taħseb li qegħdin jagħmlu?
_________________________________________
_________________________________________

5. Għaliex it-Torok attakkaw lil Sant' Iermu l-ewwel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. L-istampa turi l-waqgħa ta' Sant' Iermu f'idejn it-Torok. Iddeskrivi fil-qosor l-impressjoni tiegħek ta' din ix-xena.



________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

7. Immaġina li inti kont Malti/ja tgħix fil-Birgu fi żmien l-Assedju. Ikteb ftit sentenzi biex turi x'ħassejt wara l-waqgħa ta' Sant' Iermu f'idejn it-Torok.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________